MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 6/2002/3

**AM Holdings Limited**

**vs**

**Gallarija Management Limited u
Derby International Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Jannar, 2002 is-socjeta` attrici ppremettiet illi l-konvenuti Gallarija Management Limited kienet ottjenit il-hrug ta’ zewg mandati ta’ qbid kontra s-socjeta` konvenuta l-ohra Derby International Limited li jgibu n-numri rispettivi ta’ 3154/00 u 2204/01 u dan ghall-ammonti rispettivi ta’ Lm4000 u Lm29315.81 in kawtela ta’ krediti pretizi mis-socjeta` Gallarija Management Limited kontra s-socjeta` Derby International Limited; illi dawn il-mandati gew esegwiti mill-Marixxall tal-Qorti fuq l-indirizz moghti mill-istess konvenuti Gallarija Management Limited fil-hanut Junction 66, 66 Tower Road, Sliema u minn dak il-fond saret l-elevazzjoni tal-oggetti li jinsabu elenkati ma’ l-istess mandati hawn esibiti u markati rispettivament Dokument A u B; illi l-oggetti elevati ma jappartjenux lis-socjeta` Derby International Limited imma jappartjenu esklusivament u biss lis-socjeta` attrici A M Holdings Limited; illi ghalhekk l-istess fuq imsemmija mandati gew mal-esegwiti in kwantu gew elevati oggetti li ma kienux jappartjenu u ta’ proprjeta` tal-pretiz debitur hawn konvenut Derby International Limited; illi fil-kors tal-fuq imsemmija elevazzjoni l-istess socjeta` attrici giet kostretta taht protesta thallas is-somma ta’ Lm2000 lill-Gallarija Management Limited, liema pagament sar hazin billi l-istess A M Holdings Limited ma kellha taghti xejn lis-socjeta` Gallarija Management Limited u dan kif jirrisulta mid-dokument hawn anness u markat Dokument C; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti: -

1) tiddikjara u tiddeciedi li l-oggetti elevati fuq il-mandati fuq imsemmija kienu u ghadhom jappartjenu lis-socjeta` attrici;

2) tiddikjara konsegwentement li l-elevazzjoni tal-istess oggetti mill-poter ta’ A M Holdings Limited kien irritwali u tordna r-rilaxx tal-istess oggetti mill-effett tal-fuq imsemmija mandati u dan billi l-istess oggetti huma ta’ proprjeta` tas-socjeta` attrici;

3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Gallarija Management Limited tirrifondi lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm2000 flimkien ma’ l-imghax legali mit-13 ta’ Novembru, 2001, u dan billi dak il-pagament ma kienx dovut mill-istess socjeta` attrici u sar malament;

Bl-ispejjez u b' riserva ta' kull dritt ghad-danni u penali spettanti lill-atturi. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni;

B'nota pprezentata fit-18 ta' Frar, 2002 (fol. 43) is-socjeta` konvenuta Gallarija Management Limited eccepit:-
"1. Illi s-socjeta` eccipjenti ghandha tiehu minghand is-socjeta` Derby International Limited l-ammonti indikati fil-mandati mertu ta' din il-kawza u l-ezekuzzjoni ta' l-istess mandati intalbet sabiex issir fis-sede registrat ta' l-istess socjeta` Derby International Limited li huwa l-istess indirizz li fl-iskrittura tal-ftehim bejn il-partijiet gie indikat bhala l-"principal place of business" ta' l-istess Derby International Limited;

"2. Illi s-socjeta` A M Holdings Limited u Derby International Limited huma gestiti mill-istess persuni u jappartjenu lill-istess persuni u ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tipprova li l-oggetti milquta bil-mandati relattivi huma taghha u li s-sitwazzjoni minnhom allegata ma saritx bil-ghan li tqarraq bis-socjeta` eccipjenti sabiex din tigi imcahhda mill-jedd li tikkawtela l-pretensjonijiet taghha;

"3. Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi michuda stante li l-Lm2000 imsemmija thallsu akkont ta' l-ammonti li s-socjeta` eccipjenti ghandha tiehu minghand Derby International Limited;

"4. Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta` eccipjenti m'ghandhiex tbati spejjez ta' l-azzjoni attrici stante li hija agixxiet in buona fede u skond il-ligi."

Is-socjeta` konvenuta Derby International Limited debitament notifikata naqset li tidher u naqset li tippresenta in-nota ta' eccezzjonijiet taghha. Ghalhekk l-istess socjeta` Derby ghandha titqies li hi kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fl-1 ta' Dicembru, 2006 bil-mod segwenti:
"*Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:*

"*Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Gallarija bl-eccezzjoni tat-tielet u r-raba eccezzjoni u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici pero` limitatament ghall-ewwel u t-tieni talba u ghalhekk tiddikjara u tiddeciedi li l-oggetti elevati bil-mandati imsemmija fic-citazzjoni kienu u ghadhom jappartjenu lis-socjeta` attrici u tiddikjara konsegwentement li l-elevazzjoni tal-istess oggetti mill-poter tas-socjeta` attrici kien irritwali u tordna r-rilaxx tal-istess oggetti mill-effett tal-fuq imsemmija mandati u dan billi l-istess oggetti huma ta' proprjeta` tas-socjeta` attrici u billi fit-tielet lok tichad it-tielet talba attrici rigwardanti r-rifuzjon lis-socjeta` attrici tas-somma indikata f'din l-istess talba;*

"*Spejjez kollha jithallsu mis-socjeta` attrici stante li l-hrug tal-mandati in kwestjoni gie ottjenut mis-socjeta` konvenuta Gallarija in buona fede.*"

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Is-socjeta` attrici tippremetti li s-socjeta` konvenuta Gallarija Management Limited ottjenit il-hrug ta' zewg mandati ta' qbid kontra s-socjeta` konvenuta l-ohra Derby International Limited (mandati numru 3154/00 u 2204/01) ghall-ammonti rispettivi ta' Lm4000 u Lm29315.81 in kawtela ta' krediti pretizi mis-socjeta` Gallarija Management Limited kontra l-istess socjeta` konvenuta Derby International Limited;

"Tippremetti ukoll li dawn il-mandati gew esegwiti fil-hanut mgharuf bhala "Junction 66" fin-numru 66 Tower Road Sliema. Bhala konsegwenza gew elevati l-oggetti li huma elenkati fl-istess atti tal-imsemmija mandati. Is-socjeta` attrici tippretendi li dawn l-oggetti li gew elevati huma esklusivament taghha u ma kinux jappartjenu lis-socjeta` konvenuta debitrici cioe s-socjeta` Derby International. Inoltre s-socjeta` attrici tippremetti li fil-kors tal-elevazzjoni fuq indikata giet kostretta, taht protesta, thallas lis-socjeta`

konvenuta s-somma ta' Lm2000. Skond is-socjeta` attrici dan il-hlas sar hazin billi l-istess socjeta` attrici ma kellha taghti xejn lis-socjeta` konvenuta Gallarija. Ghalhekk is-socjeta` attrici qed titolb li jigi dikjarat li l-imsemmija oggetti elevati jappartjenu lis-socjeta` attrici u konsegwentement jigi dikjarat li l-elevazzjoni tal-istess oggetti kienet irritwali. Talbet ukoll li jigi ordnat ir-rilaxx tal-istess oggetti mill-effett tal-mandati in kwestjoni. Talbet ukoll li s-socjeta` konvenuta Gallarija tigi kundannata tirrifondi lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' Lm2000 flimkien ma' l-imghax legali relattivi u dan billi dak il-pagament ma kienx dovut u sar malament;

"Is-socjeta` konvenuta Gallarija Management Limited qed teccepixxi li hi ghandha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta l-ohra Derby International Limited l-ammonti indikati fil-mandati in kwestjoni u l-ezekuzzjoni ta' l-istess mandati saret fis-sede registrata ta' l-istess socjeta` konvenuta Derby liema indirizz hu indikat fl-iskrittura tal-ftehim bejn il-partijiet bhala l-"*principal place of business*" ta' l-istess socjeta` konvenuta Derby. Teccepixxi li s-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta l-ohra Derby huma gestiti t-tnejn mill-istess persuni. Ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tipprova li l-oggetti milquta bil-mandati relattivi huma taghha u li ma sar xejn bil-ghan li tqarraq bis-socjeta` eccipjenti u din tigi imcahhda mill-jedd li tikkawtela l-pretensjonijiet taghha. Teccepixxi ukoll li t-talba ghar-rigward tal-elfejn liri maltin (Lm2000) ghandha tigi michuda stante li l-imsemmi ammont thallas akkont ta' l-ammonti li s-socjeta` eccipjenti ghandha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta Derby International Limited. Fl-ahhar nett teccepixxi li hi m'ghandhiex tbati spejjez ta' l-azzjoni attrici stante li hija agixxiet *in buona fede* u skond il-ligi;

"Direttrici tas-socjeta` attrici u fiz-zmien ukoll direttrici tas-socjeta` konvenuta Derby, ikkonfermat li ghal habta tal-1991 is-socjeta` attrici kienet bdiet timporta oggetti ta' giftware. Originarjament is-socjeta` attrici kienet tbiegh dawn l-oggetti lis-socjeta` konvenuta Derby. Aktar tard is-socjeta` attrici hadet f'idejha l-gestjoni tal-hanut numru 66, Tower Road Sliema minghand l-istess socjeta` konvenuta

Derby peress li s-socjeta` attrici bhala shareholder fis-socjeta` konvenuta Derby kienet sellfet diversi ammonti lill-istess socjeta` konvenuta li da parti taghha naqset li thallas lura l-ammonti hekk mislufa. Is-socjeta` konvenuta Derby kienet ghaddiet rezoluzzjoni fis-6 ta' Jannar 2000 fejn is-socjeta` attrici thallset lura ghas-saldu tal-flus hekk mislufa billi giet assenjata lilha l-gestjoni u l-istokk kollu li kien hemm fil-hanut 66, Tower Road, Sliema;

“L-istess xhud ikkonfermat li l-oggetti kollha li gew maqbuda bil-mandati in kwestjoni kienu gew importati mis-socjeta` attrici biex jinbieghu mill-imsemmi hanut. Fost l-oggetti li kienu gew maqbuda kien hemm uhud li kienu gew trasferiti mis-socjeta` konvenuta Derby lis-socjeta` attrici meta l-istess socjeta` attrici hadet f'idejha l-imsemmi hanut gewwa Tas-Sliema. L-esekuzzjoni tal-mandati in kwestjoni saret fis-sena 2001. Gew ukoll presentati l-invoices kollha relattivi ghal meta inxtraw l-oggetti kollha li nqabdu bil-mandati in kwestjoni;

“Ix-xhud ikkonfermat ukoll li l-marixxal tal-qorti li mar biex jesegwixxi l-mandati sfurzha thallas ammont ta'elfejn lira maltija (Lm2000) ghad-dejn li kellha is-socjeta` konvenuta Derby mas-socjeta` konvenuta l-ohra Gallarija. L-istess xhud ikkonfermat li s-socjeta` konvenuta Derby minn dejjem kien registrata fl-indirizz imsemmi tal-hanut f'Tas-Sliema. F'Dicembru tan-1998 kienet saret kostituzzjoni ta' debitu min-naha tas-socjeta` konvenuta Derby a favur tas-socjeta` konvenuta l-ohra Gallarija in konnessjoni mal-kera li kienet dovuta ghar-rigward ta' hanut tal-Fgura. Ix-xhud tghid li ma kinitx taf b'din il-kostituzzjoni ta' debitu fiz-zmien li s-socjeta` attrici hadet f'idejha il-gestjoni u l-istock kollu fl-imsemmi hanut. Li kienet taf hu li l-kera ghar-rigward tal-imsemmi hanut fil-Fgura ma kinitx qed tithallas. Is-socjeta` konvenuta Derby International ghadha esistenti pero' ma tinnegozjax;

“L-accountant tas-socjeta` attrici u tas-socjeta` konvenuta Derby ikkonferma li l-kotba ghar-rigward tas-snin 1995 sas-sena 2001 juru li kien hemm dejjem bilanci dovuti lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta Derby. Fi Frar 2000 is-socjeta` attrici assumiet responsabilita' ghal xi

debiti li s-socjeta` konvenuta kellha ma' bank lokali. Fl-istess hin is-socjeta` attrici hadet f'idejha l-gestjoni tal-hanut f'Tas-Sliema bl-istock kollu li kien hemm fl-istess hanut. B'dan il-mod gew imhallsa ammonti dovuti mis-socjeta` konvenuta Derby lis-socjeta` attrici. Wara din l-operazzjoni kien fadal biss li s-socjeta` konvenuta Derby thallas is-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2000) lis-socjeta` attrici;

"Jirrizulta ghalhekk li s-socjeta` konvenuta Gallarija kienet ottjeniet l-hrug ta' zewg mandati ta' qbid kontra s-socjeta` konvenuta l-ohra Derby li jgibu n-numru rispettivi ta' 3154/00 u 2204/01 u dan ghall-ammonti rispettivi ta' Lm4000 u Lm29315.81 in kawtela ta' krediti pretizi mill-istess socjeta` konvenuta Gallarija kontra s-socjeta` konvenuta l-ohra Derby;

"Indubbjament is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta Derby huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. Il-fatt li jista jkun hemm konnessjoni bejn dawn iz-zewg socjetajiet billi ghandhom l-istess azzjonisti jew l-istess diretturi hu fatt ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri. Ma jirrizultax sufficjentement pruvat li kien hemm xi kolluzjoni bejn iz-zewg socjetajiet jew bejn l-azzjonisti u d-diretturi tal-istess zewg socjetajiet sabiex isir qerq fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Gallarija;

"Il-mandati in kwestjoni gew ezegwiti korrettament fil-hanut imsemmi gewwa Tas-Sliema. Jirrizulta pero' li l-oggetti kollha li nqabdu bl-istess zewg mandati huma propjeta tas-socjeta` attrici u ghalhekk inqabbdu irregolarment;

"In effett jirrizulta li it-transazzjonijiet li saru bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta Derby saru b'mod validu. Is-socjeta` attrici hadet f'idejha il-gestjoni tal-hanut bil-merkanzija kollha li kien hemm fih bhala tpaccija tad-debitu li s-socjeta` konvenuta Derby kellha taghti lis-socjeta` attrici;

"Jirrizulta ghalhekk li l-oggetti maqbudin bil-mandati in kwestjoni ma jappartjenux lis-socjeta` debitrici konvenuta

Derby izda lil terzi cioe’ lis-socjeta` attrici. In effett dan jirrizulta sufficjentement pruvat mill-provi prodotti, inkluz id-dokumentazzjoni ampja li giet prodotta. Mill-banda l-ohra ma ngiebet ebda prova biex turi li ma kienx hemm buona fede f’dak kollu li sar bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta Derby. Is-socjeta` attrici hadet f’idejha l-gestjoni tal-hanut f’Tas-Sliema b’titolu oneruz u kif gia gie rilevat ma saret ebda prova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet f’dan il-kuntratt cioe s-socjeta` attrici fuq naha u s-socjeta` konvenuta Derby fuq in-naha l-ohra;

“In vista tal-premess jirrizulta li l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu akkolti. It-tielet talba pero’ ma tirrizultax sufficjentement pruvata u ghalhekk ghandha tigi rigettata. Ma jirrizultax sufficjentement li s-socjeta` attrici kienet b’xi mod kostretta thallas l-ammont ta’ elfejn lira maltin (Lm2000). L-istess direttrici tas-socjeta` attrici allegat li l-marixxal tal-qorti li mar biex jesegwixxi l-mandati “sfurzha” thallas l-imsemmija somma. Dan zgur li ma jirrizultax sufficjentement pruvat. Huwa minnu li s-socjeta` attrici halset dan l-ammont taht protesta. Dan pero’ ma jfissirx li s-socjeta` attrici kienet b’xi mod imgieghla tghamel dan il-pagament. Ma saret ebda prova li dan il-hlas ma sarx volontarjament. Ghalhekk dan il-pagament ghandu jitqies bhala pagament ta terz ghal beneficju tad-debitur. Ghalhekk ukoll is-socjeta` attrici tista dejjem titlob il-hlas ta’ dan l-ammont minnghand is-socjeta` debitrici cioe’ is-socjeta` konvenuta Derby;”

**L-appelli intavolati.**

Mis-sentenza fuq riportata gie prezentat appell principali mis-socjeta` Gallarija Management Limited filwaqt li s-socjeta` A.M. Holdings Limited pprezentat appell incidentali.

Fl-appell intavolat mis-socjeta` Gallarija Management Limited qed jintalab li filwaqt li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti mis-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti cahdet it-tielet talba attrici, kif ukoll dik il-parti mis-sentenza appellata fejn ikkundannat lis-socjeta` appellata thallas l-

ispejjez kollha, joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-1 ta' Dicembru, 2006 billi tichad ukoll l-ewwel u t-tieni talba tas-socjeta` appellata u minflok tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti, bl-ispejjez ukoll ta' din l-istanza kontra s-socjeta` appellata.

Fl-appell incidentali taghha s-socjeta` attrici AM. Holdings Limited talbet li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata "in kwantu tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici dedotti fl-ewwel u tieni talba u wkoll tirrevoka l-istess sentenza surriferita in kwantu tichad [recte: cahdet] it-tielet talba attrici u tirriformaha billi tilqa' wkoll it-tielet talba attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti."

**Ikkunsidrat:**

Ir-retroxena ghal dawn il-proceduri hija r-relazzjoni ta' sid u inkwilin li kien hemm bejn is-socjeta` konvenuta Gallarija Management Ltd u s-socjeta` Derby International Limited. Din ta' l-ahhar kienet hadet b'titolu ta' kera wiehed mill-ambjenti li jinsabu fil-Gallarija Shopping and Entertainment Centre ta' gewwa l-Fgura li jappartjenu lis-socjeta` Gallarija Management Ltd. Kien hemm xi disgwid bejn dawn iz-zewg socjetajiet u r-rizultat kien li s-socjeta` inkwilina naqset thallas l-ammonti dovuti minnha in forza tal-kuntratt li dahlet fih mal-Gallarija Management Ltd. Din ta' l-ahhar ghalhekkipprezentat zewg mandati ta' qbid in kawtela tal-krediti taghha wiehed bin-numru 3154/2000 ghall-ammont ta' LM4,000 u l-iehor bin-numru 2204/2001 ghall-ammont ta' LM29,315.81. Dawn il-mandati gew esegwiti rispettivament wiehed fl-10 ta' Ottubru, 2000 u l-iehor fit-3 ta' Awissu, 2001 dejjem fil-fond hanut li jinsab f'66 Tower Road, Sliema.

Il-hanut fuq imsemmi kien effettivament ir-Registered Office tal-kumpannija Derby International Limited. Kien ghalhekk li s-socjeta` Gallarija Management Limited indikat dan il-hanut ghall-fini tal-ezekuzzjoni tal-mandati imsemmija.

Fl-esekuzzjoni li sehhet gew maqbuda diversi oggetti mobbili minn gewwa l-imsemmi hanut oltre li sar pagament, dejjem taht protesta, tas-somma ta' LM2000 f'idejn il-Marixxall ezekutant.

F'dawn il-proceduri qed jinghad mis-socjeta` AM Holdings Limited li l-ezekuzzjoni tal-mandati imsemmija bil-qbid tal-effetti mobbli mill-fond imsemmi saret malament billi dak il-hanut kien qed jigi gestit mill-istess socjeta` attrici AM Holdngs Limited u l-effetti li gew maqbuda kienu jappartjenu lilha, u li sahansitra l-pagament ta' LM2000 sar ukoll mill-istess socjeta` taht pressjoni tal-marixxall ezekutant u sar biex ma jigix imfixxkel in-negozju taghha bl-elevazzjoni tal-istess oggetti.

L-ewwel Qorti sabet favur it-tezi attrici billi kkonkludiet li kien jirrizulta li l-oggetti maqbuda bil-mandat in kwistjoni ma kienux jappartjenu lis-socjeta` debitrici Derby International Ltd izda lil terzi, u cioe` lis-socjeta` attrici. Konsegwentement ordnat ir-rilaxx tal-istess oggetti maqbuda. Izda ghar-rigward tas-somma ta' LM2000 imhallsa kif fuq inghad l-ewwel Qorti rriteniet li dan kien jammonta ghall-pagament ta' terz a beneficcju tad-debitur u ghalhekk cahdet it-talba attrici fir-rigward.

Is-socjeta` Gallarija Management Limited hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u fir-rikors minnha intavolat qed tissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u injorat ghal kollox fatti ohrajn, kif ukoll ghamlet apprezzament zbaljat ta' principji legali, u injorat ukoll l-applikazzjoni ta' certi principji, anke principji ta' procedura.

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem ta' dak li qed jigi sottomess fir-rikors ta' l-appell jidher li s-socjeta` appellanti qeghda tallega li dak li sar bejn is-socjeta` attrici u is-socjeta` Derby International Limited jammonta ghal qerq biex hija tigi pregudikata fid-drittijiet taghha *qua* kreditur tas-socjeta` Derby International Ltd billi din ta' l-ahhar giet zvestita mill-assi kollha taghha b'mod li s-socjeta` kreditrici ma tkunx tista'

tigbor il-krediti taghha. Din is-sottomissjoni hija bazata principalment fuq il-fatt li z-zewg kumpanniji u cioe` Derby International u A.M. Holdings jappartjenu u huma mmexxija mill-istess persuni u cioe` l-konjugi Calleja. Qed jigi sottomess ukoll li ma ngiebet ebda prova konkluzziva dwar min kien fir-realta` sid l-effetti maqbuda jew meta dawn l-effetti ghaddew minghand Derby International ghal ghand A.M. Holdings Ltd.

Huwa minnu li l-konjugi Calleja huma d-dirigenti u socji ewlenin tas-socjetajiet Derby International u A.M. Holdings Ltd, izda dan il-fatt fih innifsu ma wassalx ghall-konkluzjoni li kull arrangament li seta' sar bejn dawn is-socjetajiet huwa annullabbli billi milqut b'qerq. Jirrizulta in atti li s-socjeta` attrici kienet tinsab, f'xi zmien qabel ma gew ezegwiti l-mandati fuq imsemmija, kreditrici tas-socjeta` Derby International Ltd ghall-prezz ta' merkanzija li kienet tittrasferilha u ghal xi pagamenti li kienet taghmel fl-interss tal-istess socjeta`. Dan jirrizulta ampjament sew mix-xhieda tad-diretturi tal-istess socjetajiet, kif ukoll mix-xhieda tal-Accountant Scerri u mill-accounts li gew prezentati. Kien ghalhekk li fil-bidu ta' Jannar, 2000 is-socjetajiet in kwistjoni ddecidew li jirregolaw l-kwistjonijiet ta' bejniethom billi s-socjeta` Derby International Ltd tittrasferixxi l-merkanzija kollha li kellha kif ukoll l-inkwilinat tal-hanut fil-fond 66 Tower Road, Sliema lis-socjeta` A.M. Holdings Ltd kif jidher mir-rezoluzzjoni li ttiehdet mill-Bord tad-Diretturi tal-istess Derby International Ltd fis-6 ta' Jannar, 2000 fejn jinghad espressament hekk (ara fol. 69):

"*At a meeting of the Board of Directors of Derby International Limited held at 66 Tower Road, Sliema on the 6th January 2000*

"*It was resolved that in view of the outstanding shareholders loans due to A.M. Holdings Ltd amounting to LM54,882.00 and in view of the fact that repayments of these loans is not being effected, it was decided to sell off the Sliema operation to A.M. Holdings Limited including stock and all the Company's fixtures and fittings.*"

Minn dak il-mument u in forza ta' dan il-ftehim ta' tpacija, l-effetti mobbli ossia merkanzija, ga appartenenti lil Derby International Ltd, kif ukoll l-attrezzi li kienu jinsabu fil-hanut imsemmi, saru proprjeta` tas-socjeta` A.M. Holdings Limited. Effettivament jirrizulta li minn Jannar ta' dik is-sena r-registrazzjoni ghall-fini ta' VAT dwar negozju minn dak il-hanut inqalbet fuq is-socjeta` A.M. Holdings Ltd; il-licenza tal-hanut inqalbet fuq l-istess socjeta` u dak kollu li hu mehtieg biex issir il-gestjoni tieghu, inkluz il-facilitajiet mal-Bank biex isiru pagamenti bil-*credit cards*, bdew isiru f'isem u fl-interess tas-socjeta` A.M. Holdings Limited. Din l-istess socjeta` bdiet ukoll timporta merkanzija fl-interess u ghan-nom taghha biex tkun tista' tmexxi n-negozju taghha mill-imsemmi fond.

Is-socjeta` konvenuta Gallarija Management Ltd ma ressqet ebda prova konkluziva li dak li sar bejn is-socjetajiet Derby u A.M. Holdings sar b'qerq u strahet biss fuq suspetti u allegazzjonijiet minhabba d-detenturi tal-ishma taz-zewg socjetajiet. Din il-Qorti izda tosserva li apparti dan in-nuqqas ta' prova, is-socjeta` Gallarija Management qatt ma setghet tipproponi l-*actio pauliana* intiza biex tannulla atti maghmulin mid-debitur taghha b'qerq bi hsara ghall-jeddijiet taghha permezz ta' eccezzjoni, billi hu risaput li tali azzjoni tista' biss tittiehed b'citazzjoni *ad hoc*.

Minn ezami tad-dokumentazzjoni u x-xhieda dettaljata prodotta mis-socjeta` attrici din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tal-effetti maqbuda bil-mandati fuq imsemmija u ghalhekk sejra tikkonfermaha.

**Ikkunsidrat:**

Jibqa' issa li jigi trattat l-appell incidentali tas-socjeta` A.M. Holdings Limited kemm fir-rigward tal-ammont ta' LM2000 imhallas waqt l-ezekuzzjoni tal-mandat, kif wkoll ghal dak li jikkoncerna l-ispejjez tal-kawza.

Is-socjeta` attrici qeghda titlob li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tigi revokata nkwantu cahdet it-talba taghha ghar-

rifuzjoni ta' l-ammont ta' LM2000 imhallas fit-13 ta' Novembru, 2001. Meta sar dan il-pagament saret is-segwenti dikjarazzjoni fuq karta intestata **A.M. Holdings Ltd** (ara fol. 17):-
"*Payment of LM2000 being hereby effected under protest since, the said goods to be elavated are the ownership of A.M. Holdings Ltd and not Derby International Ltd as being claimed by Gallarija Management Ltd. The payment is being effected so that elevation of said goods will not be effected.*"

Fit-3 ta' Awissu, 2001, meta gie ezegwit il-mandat ta' qbid numru 2204/01, ma saritx l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda. Kien ghalhekk li fl-4 ta' Settembru, 2001 is-socjeta` Gallarija Management Ltd ipprezentat rikors fl-atti tal-istess mandat fejn talbet li jigu elevati l-oggetti maqbuda bl-imsemmi mandat u li jinhatar konsenjatarju biex jiehu l-istess oggetti taht il-kontroll tieghu. Din l-elevazzjoni effettivament kienet ser tizvojta l-hanut gestit mis-socjeta` A.M. Holdings mill-merkanzija kollha li kien hemm fih bi pregudizzju ghan-negozju taghha. Kien proprju ghalhekk li sar dan il-pagament kif tghid l-istess dikjarazzjoni u mhux, kif irriteniet l-ewwel Qorti, bhala pagament akkont minn terza persuna fl-interess tad-debitur. Infatti l-istess dikjarazzjoni tenfasizza li l-pagament kien qed isir "*under protest*" billi l-effetti li kienu ser jigu elevati "*are the ownership of A.M. Holdings Ltd and not Derby International Ltd*". L-intenzjoni tal-pagant tohrog cara u din il-Qorti ghalhekk ma tistax tikkondividi l-hsieb ta' l-ewwel Qorti li dan il-pagament kien qed isir minn A.M. Holdings fl-interess ta' Derby International Ltd. Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ahharnett hemm l-aggravju dwar l-ispejjez tal-kawza billi s-socjeta` attrici toggezzjona ghal fatt li giet ikkundannata thallas l-ispejjez kollha, biss din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tvarja dak li jinghad fl-ewwel sentenza billi ma ngiebet ebda prova li s-socjeta` Gallarija Management Ltd naqset b'xi mod meta talbet l-ezekuzzjoni tal-mandati fil-fond 66, Tower Road, Sliema

stante li dan kien r-Registered Address ta’ Derby International Ltd u t-terzi ma setghux ikunu jafu li l-post ittiehed minn socjeta` ohra bil-merkanzija u attrezzi kollha li kien hemm fih.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell principali tas-socjeta` konvenuta Gallarija Management Limited qed jigi michud filwaqt li l-appell incidentali tas-socjeta` attrici A.M. Holdings Ltd qed jigi milqugh in parte billi qed tigi revokata dik il-parti tas-sentenza li cahdet it-tielet talba attrici u minflok l-istess talba qed tigi milqugha u s-socjeta` Gallarija Mangement Limited qed tigi kkundannata tirrifondi lis-socjeta` attrici A.M. Holdings Ltd is-somma ta’ elfejn lira (LM2000) ekwivalenti ghas-somma ta’ erbat elef sitt mija tmienja u hamsin ewro u erbgha u sebghin centezmu ta’ ewro (€4658.74) bl-imghax legali kif mitlub (cioe` mit-13 ta’ Novembru 2001), u tikkonferma l-istess sentenza ghal bqija, inkluz il-kap tal-ispejjez. Fic-cirkostanzi u ghar-ragunijiet fuq moghtija l-ispejjez ta’ dan l-appell jithallsu hekk: dawk tal-appell principali ghas-socjeta` Gallarija Management Limited mentri dawk ta’ l-appell incidentali jkunu a karigu tas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------